## Segretarjat għall-Edukazzjoni u Kultura, il-Kurja, Għawdex

### APPLIKAZZJONI GĦAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA F'GĦAWDEX
### FI KLASSI KINDER 1 2008 – 2009

**It-tifel/tifla jkun/tkun twieled/twieldet fis-sena 2005**

1. Il-formoli ta' l-applikazzjoni, mimlija kif suppost u bid-dokumenti meħtieġa magħhom, iridu jiġu ppreżentati fis-Segretarjat ta' l-Edukazzjoni u l-Kultura, il-Kurja, Għawdex, nhar it- Tnejn, l-Erbgħa u l-Gimgħa, 14, 16 u 18 ta' Jannar, 2008, mid-9.00 a.m. sal-11.00 a.m.

2. Għat-*tewmin/triplets* trid timla **formola waħda**.

3. Id-dokumenti meħtieġa ma' l-applikazzjoni huma:

    a. Ċertifikat tat-Twelid (mhux fotokopja) mir-Reġistru Pubbliku.
    b. Il-karta ta' l-identità tal-missier jew l-omm tat-tifel/tifla;
    c. Dokument u/jew ċertifikati li jippruvaw il-każ, jekk qed tapplika taħt il-kriterju ta' Familji bi Bżonnijiet Speċjali.

4. F'din l-applikazzjoni, minbarra l-informazzjoni ġenerali trid timla wkoll il-preferenza ta’ l-iskola li tixtieq. Poġġi n-numru **1** fejn l-iskola li tippreferi l-aktar, in-numru **2** ħdejn dik li tippreferi wara, u ibqa' ikteb **3** u **4**. Tista' timla l-preferenza ħdejn l-iskejjel kollha, iżda jekk għal xi raġuni jew oħra ma tridx tibgħat it-tifel/tifla f'xi skola partikulari, ħdejn l-iskola ikteb **"XEJN". Iżda b'hekk tirriskja li titlef iċ-ċans li tidħol f'xi skola.**

    Wara t-tlugħ tal-polza, u skond kif it-tfal ikunu telgħu wara xulxin, it-tfal jitqegħdu skond il-postijiet vojta fl-iskejjel u skond il-preferenza tal-ġenituri. **Dan ifisser li jekk ma tniżżilx il-preferenza tiegħek fejn l-isem ta' l-iskola, jista' jidħol f'dik l-iskola ħaddieħor li jkun tela' fil-polza warajk.**

5. Il-kriterji tad-dħul huma:
    a. Aħwa fl-istess skola; (ara n.6)
    b. Tfal mid-djar tal-Knisja;
    c. Tifel jew tifla f'kull klassi minn familji bi bżonnijiet speċjali;
    d. Il-bqija bil-polza.

6. Biex tapplika taħt il-kriterju ta' l-awa, irid ikollok tifel/tifla jattendi/tattendi l-iskola ta' l-istess kongregazzjoni ta' reliġjużi. Tfal fid-*Day Centre* tal-Konservatorju ma jkollhomx dritt li jidħlu fl-iskola tal-Konservatorju mingħajr polza. Dwar l-iskola tal-Konservatorju, il-kriterju ta’ l-aħwa japplika wkoll għal dawk li qegħdin fl-iskola sekondarja tal-Konservatorju.

7. Dawk li japplikaw taħt il-kriterju ta’ l-aħwa u jkunu aċċettati, ikollhom post riservat f'dik l-iskola, sakemm in-numru ta' applikazzjonijiet ta' l-aħwa ma jkunx iżjed mill-postijiet vojta f'dik l-iskola. **Dawk li japplikaw taħt dan il-kriterju, xorta waħda jridu jimlew il-formula ta' l-applikazzjoni, għalkemm ma jittellgħux bil-polza.**

8. Id-deċiżjoni tal-*board* dwar jekk każ hux bi bżonnijiet speċjali jew le, hija finali. Dawk li ma japplikawx taħt il-kriterju ta' FAMILJI BI BŻONNIJIET SPEĊJALI, ikunu qed ifissru li t-tifel/tifla ma jkollhom bżonn l-ebda għajnuna jew attenzjoni speċjali fil-klassi.

9. Il-ħlas għall-applikazzjoni hu ta' €7 jew Lm3.00; dan qed jintalab biex ikopri l-ispejjeż klerikali, postali, ta' karti eċċ.

10. **It-tlugħ bil-polza isir fis-sala tas-Seminarju nhar IT-TNEJN 3 TA' MARZU, 2008 fl-10.00 a.m.**

11. Ftit jiem wara t-tlugħ tal-polza, u skond kif it-tfal ikunu telgħu wara xulxin, il-ġenituri jiġu mgħarrfa bil-miktub f'liema skola ser ikunu wliedhom.

12. Ir-riżultat tal-polza jibqa' validu sa l-aħħar tas-sena skolastika, sa Ġunju 2009.

BALLOT NUMBER NO. ◯ RANK ORDER ☐

## A. TAGHRIF ĠENERALI

1. KUNJOM ISEM IT-TIFEL/TIFLA

2. DATA TAT-TWELID

3. ISEM IL-MISSIER ID

   ISEM L-OMM NEE

4. INDIRIZZ

5. NUMRU TAT-TELEFON

## B. JEKK QED TAPPLIKA TAHT IL-KRITERJU TAL-AHWA FL-ISTESS SKOLA

1. KUNJOM U ISEM IT-TIFEL / TIFLA LI QIEGHED/QIEGHDA FL-ISKOLA

2. L-ISEM U L-INDIRIZZ TA' L-ISKOLA

3. F'LIEMA KLASSI QIEGHED / QIEGHDA

## Ċ. JEKK QED TAPPLIKA TAHT IL-KRITERJU TA' FAMILJI BI BŻONNIJIET SPEĊJALI

1. SEMMI DAK LI FL-IDEA TIEGHEK HUWA BŻONN SPEĊJALI

2. Ġib mieghek ċertifikat u/jew referenza li permezz taghhom tista' tipprova din id-dikjarazzjoni

BALLOT NUMBER NC. RANK ORDER ☐

Irċivejt minghand________________________________

Il-hlas ta' Lm3.00 jew 7 € ta' l-applikazzjoni ghad-dhul fi skola tal-knisja f'Ghawdex f'Kinder 1

Firma ta' l-uffiċċjal________________________________

**Data tat-tlugh: 3 ta' Marzu, 2008, fl-10.00 a.m. fis-Seminarju.**

## D. GĦAŻLA U PREFERENZI TAL-ISKOLA

| SKOLA | PREFERENZA |
|---|---|
| Bishop's Conservatory School, Victoria | |
| Laura Vicuna School, Għasri | |
| St Francis School, Victoria | |
| St Therésè School, Kerċem | |

## E. DATA PROTECTION

Sakemm xi dettal kif jidher f'din il-formola, flimkien ma' aktar informazzjoni li tista' tingħata minnek, bil-fomm jew bil-miktub, tikkostitwixxi tagħrif personali li jaqa' fit-tifsir tad-Data Protection Act, int qed tagħti kunsens biex dan it-tagħrif jiġi proċessat biex is-Segretarjat ta' l-Edukazzjoni Nisranija jużah fix-xogħol kollu meħtieġ ta' Eserċizzju tal-Polza għad-dħul tat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja, u biex il-formoli ta' l-applikazzjoni tat-tfal li jsibu post f'dawn l-iskejjel jingħataw lill-istess skejjel relevanti. It-tagħrif imsemmi jkun magħruf ukoll lill-impjegati ta' l-istess Segretarjat. Int għandek dritt għall-aċċess għat-tagħrif li għandu x'jaqsam mat-tifel/tifla tiegħek li qed jinżamm fis-Segretarjat imsemmi. Din il-formola tinżamm sa tliet xhur wara għeluq is-sena kalendarja li fiha tkun imtliet l-informazzjoni. Wara għeluq iż-żmien imsemmi, il-formola tiġi distrutta.

## F. DIKJARAZZJONI

Jiena________________________________________

Missier/Omm (isem it-tifel/tifla)__________________________
niddikjara li qrajt u aċċettajt il-kondizzjonijiet imsemmija f'din l-applikazzjoni, kif ukoll li l-informazzjoni li tajt taqbel mal-verità.

Firma__________________ Data_______________

**GĦALL-UŻU TAL-UFFIĊĊJU**

## G. KRITERJU TA' AĦWA

Jekk l-applikazzjoni saret taħt dan il-kriterju, sar l-istħarriġ meħtieġ u ġie ppruvat li tikkwalifika?

Iva/Le Firma______________ Data_______________

## H. KRITERJU TA' FAMILJI BI BŻONNIJIET SPEĊJALI

Jekk l-applikazzjoni saret taħt dan il-kriterju, sar l-istħarriġ meħtieġ u ġie ppruvat li tikkwalifika?

Iva/Le Firma ______________ Data _______________

## I. GĦAŻLA TAL-ISKOLA

| DATA | PREFERENZA | SKOLA |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |

BALLOT
NUMBER NO.

Isem it-tifel/tifla ____________________________________

bin/bint (isem il-missier u l-omm)____________________________

Firma tal-missier jew l-omm ______________________________